MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 677/1997/1

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Louis u Sylvana mizzewgin Naudi u Emanuel u Carmen mizzewgin Aquilina**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi hi kkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lill-konvenuti Louis u Sylvana mizzewgin Naudi;

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Louis u Sylvana mizzewgin Naudi fis-somma ta’ sebgha u erbghin elf, mija u ghaxar liri maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm47110.71) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ Louis Naudi mal-Bank attur (Dok “A”, Dok “B1 sa B4” u Dok “C1 sa C89”) salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi b’zewg kuntratti ippubblikati wiehed min-Nutar A. Grech Trapani datat 9 ta’ Dicembru 1991 u iehor ippublikat min-Nutar Clyde La Rosa datat 21 ta’ Mejju 1992 li qed jigu hawn ezibiti u markati Dok “D” u Dok “E” rispettivament u bi skrittura privata datata 15 ta’ Novembru 1989 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “F”, il-konvenuti Emanuel u Carmen mizzewgin Aquilina iggarantew flimkien u “in Solidum” ma’ Louis u Sylvana mizzewgin Naudi ghaf-favur tal-Bank attur, id-debitu tal-istess Louis u Sylvana mizzewgin Naudi sal-valur ta’ sitt elef liri maltin (Lm6000);

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 26 ta’ Lulju 1995, li kopja taghhom qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok “G” u Dok “H” rispettivament, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti,

Ghalhekk il-bank attur talab li il-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu flimkien u “in sodium” bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u erbghin elf, mija u ghaxar liri maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm17110.71) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ Louis Naudi mal-istess bank attur (Dok “A”, Dok “B1 sa B4” u Dok “C1 u C89”) salv l-imghax

ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 26 ta' Lulju 1995 u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :

1. Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub huwa inkorrett, zbaljat u eccessiv u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra is-socjeta' attrici;

2. Illi r-rata tal-imghaxijiet hija kkalkulata hazin u l-ammont inkorporat ma jirriflettix dak li hu dovut;

3. Illi l-ammont tal-'Bank Charges' huma skorretti u eccessivi u ma jistghux jigu accettati skond il-ligi;

4. Illi fi kwalunkwe kas l-ammont garantit mill-konvenuti Emanuel u Carmen Aquilina huwa sal-valur ta' sitt elef lira maltin (Lm6000) biss kif jidher anke mill-premessi u dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici u ghalhekk fil-konfront taghhom ma jistghux jigu kkundannati jhallsu ammont oghla minn dak garantit minnhom;

5. Il-validita tal-kuntratti tad-9 ta' Dicembru 1991 u tal-21 ta' Mejju 1992 sejrin ikunu kontestati stante li dawn il-kuntratti huma neqsin mir-rekwiziti necessarji skond il-ligi ghall-validita' taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tal-bank attur tal-12 ta' Marzu 1999, li biha ceda l-atti tal-kawza fil-konfront biss tal-konvenuti Emanuel u Carmen konjugi Aquilina;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 1999 li bih din il-Qorti (diversament presjeduta) innominat bhala espert komputista lil John Bonnici bil-fakoltajiet soliti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 1999 li bih gie sostitwit l-espert komputista gia' nominat u gie nominat minnflok l-Accountant Raymond Gatt bl-istess fakoltajiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2001 minn fejn jirrizulta li l-espert nominat gie sostitwit u gie nominat minnflok Ian Crockford bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Lulju 2001 li bih gie nominat bhala espert komputista Martin H. Said minnflok l-espert gia' nominat u dana bl-istess fakoltajiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2003 minn fejn jirrizulta li fil-kors ta' l-istess seduta l-espert komputista ppresenta u kkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu;

Rat ir-rapport tal-abbli espert komputista:

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jigi mill-ewwel rilevat li l-bank attur ceda l-atti tal-kawza kontra l-konvenuti konjugi Aquilina u konsegwentement il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-

talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenuti konjugi Aquilina. Ghalhekk ghad fadal li jigu esaminati l-istess talbiet attrci fil-konfront tal-allegati debituri principali cioe' l-konjugi Naudi;

Fic-citazzjoni l-bank attur ippremetta li huwa kkonceda lill-konvenuti Louis u Sylvana konjugi Naudi facilitajiet ta' self u "overdraft." Il-bank attur jippretendi, li bhala konsegwenza tal-koncessjoni ta' dawn il-faciltajiet, hu kreditur tal-istess konvenuti fis-somma komplessiva ta' sebgha u erbghin elf, mija u ghaxar liri maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm47110.71) bilanc ta' somma akbar salv l-imghax ulterjuri li hu dovut mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom l-imsemmija somma flimkien mal-imsemmi imghax ulterjuri;

Il-konvenuti konjugi Naudi jeccepixxu li l-ammont mitlub huwa inkorrett u eccessiv u li r-rata tal-imghaxijiet hija kkalkulata hazin. Jeccepixxu inoltre li l-'Bank Charges' huma wkoll skorretti u eccessivi u li l-validita' tal-kuntratti tad-9 ta' Dicembru 1991 u tal-21 ta' Mejju 1992 huma neqsin mir-rekwiziti necessarji skond il-ligi ghall-validita' taghhom;

Inoltre l-konvenuti indikaw fin-nota taghhom tat-23 ta' Novembru 1998 fejn huma ma jaqblux mal-statements presentati mill-bank attur;

F'dawn il-proceduri gie nominat espert komputista li kellu, fost affarijiet ohra, jesamina t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jirrelata bil-miktub. L-espert komputista ppresenta r-rapport tieghu li gie esaminat bir-reqqa minn din il-Qorti. Minn dan ir-rapport fl-ewwel lok jirrizulta li l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduti ffissati mill-istess espert komputista u ghalhekk l-istess konvenuti naqsu li jipproducu l-provi taghhom in sostenn tal-eccezzjonijiet. In vista ta' dan kollu ma jistax jinghad li l-konvenuti ppruvaw l-eccezzjonijiet taghhom;

Fit-tieni lok l-espert komputista esamina d-dokumenti kollha li gew sottomessi mill-bank attur ghar-rigward tat-tlett (3) kontijiet, f'isem il-konvenuti, li kienu nfethu in konsegwenza tal-fatt li gew akkordati lill-istess konvenuti l-imsemmia facilitajiet. Dawn il-kontijiet kienu jgibu n-numri 36703380033; 36703380017 u 16703380011;

Fit-tielet lok l-espert komputista, wara li ghamel il-kalkoli kollha necessarji bbazati esklussivament fuq id-dokumenti prodotti mill-bank attur, kkonkluda li l-bank attur kien ecceda t-talba tieghu rigwardanti l-imghaxijiet bis-somma ta' tmien mija sebgha u hamsin liri maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm857.29) u dana ovvjament fir-rigward tal-imsemmija kontijiet li nfethu in konsegwenza tal-facilitajiet in kwestjoni koncessi lill-konvenuti;

In effett il-Qorti taqbel mal-kostatazzjoniiet li ghamel l-espet komputista kif ukoll mal konkluzjoniiet li wasal ghalihom l-iestess espert. Ghalhekk il-Qorti qed taddotthom u taghmilhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista gieghel lill-Qorti tvarja ew tbiddel l-istess konkluzzjonijiet. Ghalhekk mis-somma mitluba ta' Lm47110.71 trid titnaqqas is-somma ta' Lm857.29. B'hekk l-ammont dovut lill-bank attur mill-konvenuti konjugi Naudi jirrizulta li huwa ta' sitta u erbghin elf mitejn u tlieta u hamsin liri maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm46253.42) ekwivalenti ghal mija u sebat elef seba' mija u wiehed u erbghin punt erbgha disgha euro (€107741.49) oltre l-imghaxijiet li akkumulaw mill-1 ta' April 1996;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti konjugi Aquilina stante li l-bank attur ceda l-atti tal-kawza rigwardanti l-istess konvenuti;

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tikkundanna lill-konvenuti konjugi Naudi jhallsu flimkien u "in solidum"

bejniethom lill-bank attur is-somma ta’ sitta u erbghin elf mitejn u tlieta u hamsin liri maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm46253.42) ekwivalenti ghal mija u sebat elef, seba’ mija u wiehed u erbghin punt erbgha disgha euro (€107741.49) bl-imghaxijiet kollha legali mill-1 ta’ April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

L-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal parti wahda minn hamsa u ghoxrin (1/25) mill-bank attur u r-rimanenti erbgha u ghoxrin parti minn hamsa u ghoxrin (24/25) mill-konvenuti konjugi Naudi u dana in solidum bejniethom. L-ispejjez relattivi ghall-konvenuti konjugi Aquilina jithallsu mill-bank attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------